# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.25

## ĦTIĠIET DWAR IR-REKLAMI, METODI TA' REKLAMAR U DIRETTIVI DWAR REKLAMAR DWAR LOGĦOB TA' L-AŻŻARD FUQ IS-SERVIZZI TAX-XANDIR

22 ta' Marzu, 2007

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 407 ta' l-2007, kif emendat bl-Att XVI tal-2018 u bl-Avviż Legali 483 tal-2020.*

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar ir-Reklami, Metodi ta' Reklamar u Direttivi dwar Reklamar dwar Logħob ta' l-Ażżard fuq is-Servizzi tax-Xandir. Titolu.

**1.** Introduzzjoni

1.1 Dawn il-Ħtiġiet dwar ir-Reklami, il-Metodi ta' Reklamar u d-Direttivi saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa ta' l-artikolu 19(3) u (5) ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Il-Għan *Emendat: XVI.2018. Ir-Raba' Skeda. A.L. 483 tal-2020.*

2.1 Dawn id-Direttivi għandhom il-għan ewlieni jiżguraw li r-reklamar ta' mħatri fil-mezzi tax-xandir lokali jkollu responsabbiltà soċjali speċjalment lejn il-ħtieġa li nipproteġu t-tfal, iż-żgħazagħ u dawk kollha li jistgħu jweġġgħu jew ikunu sfruttati b'reklamar li juri jew iwassal il-ħajra għal-logħob ta' l-imħatri. Id-direttivi maħsuba wkoll biex iġibu 'l quddiem valuri etiċi adattati għall-kontenut ta' din il-kategorija ta' reklamar.

2.2 *Imħassar bl-Avviż Legali 483 tal-2020.*

**3.** Id-Disposizzjonijiet Legali li japplikaw

3.1 Id-disposizzjonijiet tal-liġi li japplikaw qegħdin fl-artikolu 19(3) u (5) ta' l-Att tax-Xandir (Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta).

**4.** It-Tifsir *Emendat: XVI.2018. Ir-Raba' Skeda.*

4.1 Għall-iskop ta' dawn id-Direttivi, "logħob ta' l-ażżard" tfisser logħob jew logħob mill-bogħod jew imħatri jew logħob awtorizzat skond, l-Att dwar il-Logħob u mingħajr ebda preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ingħad, jinkludi l-lotterija nazzjonali, is-swali kummerċjali tat-tombla, il-logħob u l-imħatri bl-Internet kif ukoll kull sura ta' logħob ieħor awtorizzat b'liċenza; iżda ma tinkludix logħob li jsir għal għan filantropiku jew karitatevoli jew għal għan soċjali ieħor li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tapprova, kif ukoll għal logħob li jsir f'konformità ma' u li hu regolat mid-Direttiva ta' l-Awtorità tax-Xandir dwar it-Tmexxija ta' Kompetizzjonijiet u l-Għoti ta' Premjijiet jew kull disposizzjoni oħra fl-Att dwar il-Logħob jew xi strumenti regolatorji oħra maħruġin taħtu li tirregola l-logħbiet tal-mezzi tax-xandir. *Kap. 583.*

*Emendat: XVI.2018. Ir-Raba’ Skeda; A.L. 483 tal-2020.*

**5.** Id-Direttivi

5.1 L-istazzjonijiet tat-televiżjoni ma għandhomx ixandru reklami dwar logħob ta’ l-ażżard bejn is-6:00am u s-7:00pm. Meta reklami dwar logħob ta’ l-ażżard jixxandru bejn is-7:00pm u s-6:00am, dawn m’għandhomx jixxandru waqt, immedjatament qabel jew wara, programmi għat-tfal jew f’dawk il-programmi li jkunu diretti għat-tfal jew x’aktarx li jappellaw b’mod partikolari għat-tfal.

5.2 L-istazzjonijiet tar-radjo m’għandhomx ixandru reklami dwar logħob ta’ l-ażżard bejn is-6:00am u d-9:00am u bejn is-2:00pm u s-7:00pm. Meta r-reklami dwar logħob ta’ l-ażżard jixxandru bejn id-9:00am u s-2:00pm u bejn is-7:00pm u s-6:00am dawn m’għandhomx jixxandru waqt, immedjatament qabel jew wara, programmi għat-tfal jew f’dawk il-programmi li jkunu diretti għat-tfal jew x’aktarx li japplikaw b’mod partikolari għat-tfal.

5.3 Meta reklamar dwar logħob ta’ l-ażżard mhux permess skond il-paragrafu 1 u 2, kull min hu liċenzjat jorganizza l-imħatri ma jista’ jisponsorja ebda programm jew jagħmel reklam biex jixxandar fuq ir-radju jew fit-televiżjoni.

5.4 Meta reklamar dwar logħob ta’ l-ażżard hu permess skond il-paragrafi 1 u 2, ix-xandara ma jistgħu jxandru ebda reklam li:

i. jinkoraggixxi lil xi ħadd jikser il-liġi tal-logħob; jew

ii. juri żgħażagħ taħt it-tmintax-il sena jew nies oħra vulnerabbli jilagħbu l-imħatri; jew

iii. jinkoraġġixxi jew jimmira għal dawk taħt it-tmintax-il sena jew oħrajn vulnerabbli biex jilagħbu; jew

iv. jistgħu jkunu ta’ ġibda partikolari għal dawk li huma taħt it-tmintax-il sena jew nies oħra vulnerabbli, jew speċjalment billi juru xi rabtiet partikolari mal-kultura żagħżugħa; jew

v. japprofittaw ruħhom mit-tqanqil, xenqat, twemmin fieragħ, nuqqas ta’ tiġrib jew tagħrif ta’ dawk taħt it-tmintax-il sena jew nies oħra vulnerabbli; jew

vi. ikun falz jew mhux minnu, b’mod speċjali dwar il-possibbiltajiet ta’ rebħ jew kemm il-lagħab jistenna li jdaħħal; jew

vii. jagħti x’jifhem li l-logħob hu xi forma ta’ investiment finanzjarju; jew

viii. ipinġi, jiskuża jew iħeġġeġ l-imġiba tal-loghob soċjalment irresponsabbli jew li jista’ jwassal għal tbatija finanzjarja, soċjali jew emozzjonali; jew

ix. jissuġġerixxi li l-ħila tista’ tinfluwenzna l-logħob li hu logħob purament ta’ xorti; jew

x. jippromwovi t-tipjip jew l-abbuż tax-xorb ta’ l-akoħol waqt il-logħob; jew

xi. jagħti x’jifhem li l-logħob iġib ’il quddiem jew jintqies meħtieġ biex tkun aċċettat fis-soċjetà, ikollok suċċess

personali jew finanzjarju jew li jsolvilek problemi ekonomiċi, soċjali jew personali; jew

xii. ikollu l-approvazzjoni ta' personalitajiet magħrufa li jissuġġerixxu kif il-logħob għenhom għas-suċċess li kisbu; jew

xiii. jaqbeż il-limiti tad-deċenza; jew

xiv. jissuġġerixxi li l-logħob jista' jservi biex jgħinek taħrab minn ħafna problemi personali, professjonali jew edukattivi bħalma huma d-depressjoni u s-solitudni; jew

xv. ipinġi l-logħob bħala xi ħaġa indispensabbli jew li għandha tingħata prijorità fil-ħajja, bħal ngħidu aħna fuq il-familja, il-ħbieb jew id-dmirijiet professjonali jew edukattivi; jew

xvi. jissuġġerixxi li l-logħob jista' jseddaqlek il-kwalitajiet personali, bħal ngħidu aħna ikabbarlek l-istima u l-personalità tiegħek ma' l-oħrajn, jew hu xi mezz biex tikseb kontroll, għarfien, superjorità, jew ammirazzjoni; jew

xvii. ilaqqa' l-logħob mas-seduzzjoni, suċċess sesswali jew ikabbarlek il-ġibda ta' ħaddieħor lejk.

5.5 Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, fl-eżerċizzju ta' din id-dispożizzjoni, ir-Regolamenti dwar Kumunikazzjonijiet Kummerċjali fil-Logħob u kwalunkwe regola oħra dwar komunikazzjonijiet kummerċjali, ikun li jkun l-isem, kif maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob għandha tiġi mħarsa. L.S. 583.09.

**6.** Dawn id-Direttivi jgħoddu wkoll għas-servizzi *teletext* fuq it-televixin kif ukoll fuq is-sistema tad-*data* (RDS) fis-servizzi tar-radjo.

**7.** Dawn id-direttivi ma jipprojbixxux it-tħabbir ta' riżultati tal-logħob matul il-jum.